tal-ġet (*jade*) iswed jew tal-qroll iswed, fil-waqt li dawk foqra kienu jiksu l-imsielet tad-deheb b'xi biċċa ċarruta sewda matul il-viżtu.

Drawwa oħra li kien hawn kienet, li meta l-għonja jmutilhom xi ħadd, kienu jaqtgħu drapp iswed biex jinħetu l-ilbiesi tas-sefturi, għax kien meqjus nuqqas ta' rispett lejn il-mejjet, jekk il-qaddeja jidhru f'daru libsin il-kulur.

Il-perjodu ta' viżtu strett kien ta' sentejn, u warajh jibda l-meżżu viżtu li kien idum xi sitt xhur, meta allura kien jibda jitħallat ma' l-iswed xi kulur serju bħal abjad, vjola, lila' jew griż, u kienu jistgħu jibdew jintlibsu xi ornamenti tal-ġawhar.

Matul l-ewwel sentejn, dawk li jkunu tilfu lil xi ħadd, la kienu jmorru festi u lanqas tejatru, riċevimenti u pranzijiet; lanqas ma kien isir daqq ta' pjanu, gramophone, radju u strumenti oħrajn ġewwa d-dar. Jekk xi ħadd tal-familja kien ikollu bil-fors idoqq għax kien ikun qed jistudja xi strument, kienu jagħlqu t-twieqi biex minn barra t-triq ma jinstemgħax daqq.

Għalkemm ħafna minn dawn id-drawwiet kienu fl-aqwa tagħhom fis-seklu l-ieħor, baqgħhu jeżistu sas-snin tletin ta' dan is-seklu għoxrin, sakemm it-tieni gwerra dinjija ġabet taqliba kbira f'kull qasam tal-ħajja, inkluż il-viżtu, li ftit ftit, għoddu qed jispiċċa għal kollox.

---

**Kitbiet Għall-Imnara**

L-Editur jaċċetta kitbiet għall-Imnara, IżDA JRIDU JKUNU ORIġINALI U MHUX PUBBLIKATI QABEL BAND' OħRA. Iridu jkunu esperjenzi peronali ta' l-imgħoddi, jew riżultat ta' riċerka personali, jew ta' intervisti jew kuntatti personali ma' anzjani. Jistgħu ikunu bil;-Malti jew lsien ieħor, iżda tingħata preferenza lis-suċċetti li jittrattaw dwar interess folkloristiku għal Malta u Għawdex. Il-kitbiet jistgħu jintbagħtu lill-Editur, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

---